MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Frar, 2014

Numru. 106/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**John Grima**

Numru 106/13

Illum 26 ta' Frar 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat **John Grima**, ta' wiehed u erbghin (41) sena, iben Carmel u l-mejta Maria neé Azzopardi, imwieled Rabat, Ghawdex, nhar is-16 ta' Ottubru 1971, residenti No. 21, Triq Cordina, Ghajnsielem Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 26771(G), akkuzat talli nhar it-18 ta' April 2013 u fix-xhur ta' qabel, gewwa Ghajnsielem, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, f'hinijiet differenti:

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta kannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu, l-istqarrija rilaxxata minnu, u l-fedina penali (Dok. "B") tieghu, li mhijiex wahda nadifa.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat John Grima hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien tlitt (3) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "G" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------